**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**-vs-**
**Leonvic Fenech, detentur tal-karta tal-identità numru 0179100L**

*Kumpilazzjoni Nru.: 796/2023*

Illum**, 3 ta' Lulju 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Leonvic Fenech** u ċioè:

Fis-sebgħa (7) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlieta w għoxrin (2023), għal ħabta ta' bejn is-sebgħa (07:00) u t-tmienja (08:00) ta' filgħodu, ġewwa Triq Dun Frans Camilleri, Santa Venera:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Gianluca Barbara, liema ġrieħi huma ta' natura gravi hekk kif ġie ċċertifikat minn Dr Christopher Ugbodaga (Numru Mediku 6698) mill-Floriana Health Centre;
   *Artikoli 214 u 216 (1) (d) u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

2. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band' oħra f'dan il-Kodiċi (Kodiċi Kriminali), kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
   *Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

3. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, għamel xi inġurji jew theddid lil Gianluca Barbara[1] mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi (Kodiċi

[1] Korrezzjoni awtorizzata vide fol.3

Kriminali), jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
*Artikolu 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

4. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, saq vettura bil-mutur b'nuqqas ta' kont jew b'mod perikoluż;
*Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Gianluca Barbara billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi tordna lill-akkużat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tapplika l-iskwalifika skont l-artikolu 15 (3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza miżmuma lum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) moqri flimkien mal-artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fedina penali tal-imputat minn fejn jirriżulta li mhux xi *first-time offender,* tal-ammissjoni tiegħu, kif ukoll taċ-ċirkostanzi tal-każ u senjatament li fortunatament il-ġrieħi mġarrba mill-vittma kienu ta' natura ħafifa.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 214, 215, 221, 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar it-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu w tikkundannah għal **għaxar (10) xhur priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal sentejn (2) millum.

Ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ġimgħa millum.

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-imputat iħallas tlett mija u tmien ewro u tletin ċenteżmu (**€308.30)** rappreżentanti spejjez peritali.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**

**Notifika: Transport Malta (Sezzjoni Liċenzji)**